Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 788/2012

tal-31 ta' Awwissu 2012

dwar programm multiannwali tal-Unjoni kkoordinat u ta' kontroll għall-2013, l-2014 u l-2015 biex tiġi żgurata konformità mal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi fi u fuq ikel li joriġina mill-pjanti u mill-annimali u biex jivvaluta l-esponiment tal-konsumatur għalihom

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 235, 1.9.2012, p. 8)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2013 tal-24 ta' Mejju 2013	L 139	4	25.5.2013
►M2	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 481/2013 tal-24 ta' Mejju 2013	L 139	5	25.5.2013

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 788/2012

tal-31 ta' Awwissu 2012

dwar programm multiannwali tal-Unjoni kkoordinat u ta' kontroll għall-2013, l-2014 u l-2015 biex tiġi żgurata konformità mal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi fi u fuq ikel li joriġina mill-pjanti u mill-annimali u biex jivvaluta l-esponiment tal-konsumatur għalihom

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([1]), u partikolarment l-Artikoli 28 u 29 tiegħu,

Billi:

(1) Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1213/2008 ([2]) ġie stabbilit l-ewwel programm Komunitarju multiannwali u kkoordinat li jkopri s-snin 2009, 2010 u 2011. Dak il-programm kompla taħt Regolamenti konsekuttivi tal-Kumissjoni. L-aktar wieħed reċenti kien ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1274/2011 tas-7 ta' Diċembru 2011 dwar programm multiannwali tal-Unjoni kkoordinat u ta' kontroll għall-2012, l-2013 u l-2014 biex tiġi żgurata konformità mal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi ġo u fuq ikel li joriġina mill-pjanti u mill-annimali u biex jivvaluta l-esponiment tal-konsumatur għalihom ([3]).

(2) Fl-Unjoni, bejn 30 u 40 prodott tal-ikel jikkostitwixxu l-komponenti ewlenin tad-dieta. Peress li l-użi tal-pestiċidi juru bidliet sinifikanti tul perjodu ta' tliet snin, il-pestiċidi għandhom ikunu mmonitorjati f'dawk il-prodotti tal-ikel fuq sensiela ta' ċikli ta' tliet snin sabiex l-esponiment tal-konsumatur u l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jkunu jistgħu jiġu vvalutati.

(3) Fuq il-bażi ta' distribuzzjoni ta' probabbiltà binomjali, jista' jiġi kkalkulat li l-eżaminar ta' 642 kampjun jippermetti, b'ċertezza ta' aktar minn 99 %, l-iżvelar ta' kampjun li jkun fih ammont ta' residwi tal-pestiċidi ogħla mil-limitu ta' determinazzjoni (LOD), bil-kundizzjoni li mhux anqas minn 1 % mill-prodotti jkun fihom residwi ta' livell ogħla minn dak il-limitu. Il-ġbir ta' dawn il-kampjuni għandu jitqassam fost l-Istati Membri skont l-għadd tal-popolazzjoni, b'minimu ta' 12-il kampjun għal kull prodott u għal kull sena.

([1]) ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.
([2]) ĠU L 328, 6.12.2008, p. 9.
([3]) ĠU L 325, 8.12.2011, p. 24.

▼B

(4) Ir-riżultati analitiċi mill-programm ta' kontroll uffiċjali tal-Unjoni tal-2010 ([1]) wrew li huwa aktar komuni li ċerti pestiċidi jkunu preżenti fuq prodotti agrikoli minn qabel, dan jindika bidliet fix-xejra tal-użu ta' dawk il-pestiċidi. Dawk il-pestiċidi għandhom ikunu inklużi fil-programm ta' kontroll flimkien ma' dawk li kienu koperti mir-Regolament (UE) Nru 1274/2011 sabiex jiġi żgurat li l-firxa ta' pestiċidi koperti mill-programm ta' kontroll tkun rappreżentattiva tal-pestiċidi użati.

(5) L-analiżi ta' ċerti pestiċidi, b'mod partikolari dawk miżjuda mal-programm ta' kontroll minn dan ir-Regolament jew dawk b'definizzjoni tar-residwu diffiċli ħafna, għandhom ikunu fakultattivi fl-2013 sabiex jitħalla ħin biex il-laboratorji uffiċjali jivvalidaw il-metodi mitluba mill-analiżi ta' dawk il-pestiċidi, f'każ li jkunu għadhom ma għamluhiex.

(6) Fejn id-definizzjoni tar-residwu tal-pestiċidi tinkludi sustanzi attivi oħra, metaboliti jew prodotti li jitfarrku, dawk il-metaboliti għandhom jiġu rrapurtati separatament.

(7) Gwida dwar il-"Validazzjoni tal-Metodu u Proċeduri għall-Kontroll tal-Kwalità għall-Analiżi tar-Residwu tal-Pestiċidi fl-ikel u fl-għalf" hija ppubblikata fuq is-sit elettroniku tal-Kummissjoni ([2]). L-Istati Membri għandhom jitħallew, taħt ċerti kundizzjonijiet, jużaw metodi ta' skrining kwalitattiv.

(8) L-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà tal-Ikel qablu mal-miżuri ta' implimentazzjoni, bħad-Deskrizzjoni Standard tal-Kampjuni (SSD) ([3]) biex jintbagħtu r-riżultati tal-analiżi tar-residwi tal-pestiċidi, li jirreletaw mat-tressiq tal-informazzjoni mill-Istati Membri.

(9) Għall-proċeduri ta' teħid ta' kampjuni għandha tapplika d-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/63/KE tal-11 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi metodi tal-Komunità ta' teħid ta' kampjuni għall-kontroll uffiċjali ta' residwi ta' pestiċidi ġo u fuq prodotti li joriġinaw mill-pjanti jew mill-annimali u li ħassar id-Direttiva 79/700/KEE ([4]) li tinkorpora l-metodi u l-proċeduri ta' teħid ta' kampjuni rrakkomandati mill-Kummissjoni Codex Alimentarius.

(10) Huwa wkoll neċessarju li jiġi evalwat jekk il-livelli massimi ta' residwi għall-ikel tat-trabi, stipulati fl-Artikolu 10 tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/141/KE tat-22 ta' Diċembru 2006 dwar formuli tat-trabi u formuli tal-prosegwiment ([5]) u l-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/125/KE tal-5 ta' Diċembru 2006 dwar ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali u ikel tat-trabi għat-trabi u għat-tfal żgħar ([6]), humiex jiġu rrispettati, billi jitqiesu biss id-definizzjonijiet ta' residwu kif inhuma stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 396/2005.

([1]) Ir-rapport tal-Unjoni Ewropea tal-2010 dwar ir-Residwi tal-Pestiċidi fl-Ikel, http://ec.europa.eu/food/plant/protection/pesticides/docs/2010_eu_report_ppesticide_residues_food_en.pdf

([2]) Dokument Nru SANCO/12495/2011, Implimentat sal-1.1.2012. http://ec.europa.eu/food/plant/protection/pesticides/docs/qualcontrol_en.pdf

([3]) Gwida ġenerali dwar l-SSD għall-ġbir tad-dejta kollha tal-EFSA hija disponibbli fil-ġurnal tal-EFSA 2010; 8(1):1457 [54 pp.] fuq http://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/pub/1457.htm

([4]) ĠU L 187, 16.7.2002, p. 30.

([5]) ĠU L 401, 30.12.2006, p. 1.

([6]) ĠU L 339, 6.12.2006, p. 16.

▼B

(11) Huwa neċessarju wkoll li jiġu vvalutati l-effetti aggregati, kumulattivi u sinerġistiċi possibbli tal-pestiċidi meta l-metodoloġija ssir disponibbli. Din l-evalwazzjoni għandha tibda b'xi organofosfati, karbamati, trijażoli u piretrojdi, kif stipulat fl-Anness I.

(12) Fir-rigward tal-metodi ta' residwu uniku, l-Istati Membri jistgħu jkunu kapaċi jilħqu l-obbligi ta' analiżi tagħhom billi jirrikorru għal-laboratorji uffiċjali li diġà jkollhom il-metodi vvalutati meħtieġa.

(13) L-Istati Membri għandhom jippreżentaw sal-31 ta' Awwissu ta' kull sena, l-informazzjoni li tikkonċerna s-sena kalendarja preċedenti.

(14) Sabiex tkun evitata kwalunkwe konfużjoni minħabba koinċidenza bejn il-programmi multiannwali konsekuttivi, ir-Regolament (UE) Nru 1274/2011 għandu jitħassar fl-interess taċ-ċertezza legali. Dan għandu, madankollu, jkompli japplika għall-kampjuni ttestjati fl-2012.

(15) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom, matul is-snin 2013, 2014 u 2015, jieħdu u janalizzaw kampjuni għall-kombinazzjonijiet ta' prodotti/pestiċidi, kif stipulat fl-Anness I.

L-għadd ta' kampjuni għal kull prodott għandu jkun skont kif stipulat fl-Anness II.

Artikolu 2

1. Il-lott li għandu jittieħed minnu l-kampjun għandu jintgħażel b'mod każwali.

Il-proċedura ta' teħid ta' kampjuni, inkluż l-għadd ta' unitajiet, għandha tikkonforma mad-Direttiva 2002/63/KE.

2. Il-kampjuni għandhom jiġu analizzati skont id-definizzjonijiet ta' residwu stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 396/2005. Fejn l-ebda definizzjoni espliċita ta' residwu ma tkun stabbilita f'dak ir-Regolament għal pestiċida partikolari, għandha tapplika d-definizzjoni tar-residwu kif stabbilita fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom jissottomettu r-riżultati tal-analiżi tal-kampjuni ttestjati fl-2013, l-2014 u l-2015 sal-31 ta' Awwissu 2014, 2015 u 2016 rispettivament. Dawk ir-riżultati għandhom jintbagħtu skont id-Deskrizzjoni Standard tal-Kampjuni (SSD), kif stabbilit fl-Anness III.

2. Fejn id-definizzjoni ta' residwu ta' pestiċida tinkludi sustanzi attivi, metaboliti u/jew prodotti li jirriżultaw mid-degradazzjoni jew ta' reazzjoni, l-Istati Membri għandhom jirrappurtaw ir-riżultati tal-analiżi skont id-definizzjoni legali ta' residwu. Ir-riżultati ta' kull wieħed mill-isomeri jew metaboliti prinċipali msemmija fid-definizzjoni tar-residwu għandhom jintbagħtu separatament, sakemm ikunu kkalkulati individwalment.

▼B

Artikolu 4

Ir-Regolament (UE) Nru 1274/2011 huwa mħassar.

Madankollu, dan għandu jkompli japplika għall-kampjuni ttestjati fl-2012.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2013.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

PARTI A

Kombinazzjonijiet ta' pestiċidi/prodotti li għandhom jiġu mmonitorjati fi/fuq prodotti ta' oriġini mill-pjanti

	2013	2014	2015	Rimarki
2,4-D	(c)	(a)	(b)	Nota (h) 2,4-D għandu jiġi analizzat fl-2013 fl-inbid; fl-2014 fil-larinġ/mandolin u fl-2015 fil-brunġiel, fil-pastard u fl-għeneb tal-mejda. Fil-bqija tal-prodotti għandu jiġi analizzat fuq bażi volontarja.
2-Fenilfenol	(c)	(a)	(b)	
Abamektina	(c)	(a)	(b)	Nota (h)
Aċefat	(c)	(a)	(b)	
Aċetamiprid	(c)	(a)	(b)	
Akrinatrina	(c)	(a)	(b)	
Aldikarb	(c)	(a)	(b)	
Amitraz	(c)	(a)	(b)	Għandu jiġi analizzat fl-2013 fit-tuffieħ u fit-tadam; fl-2014 fil-lanġas u fl-2015 fil-bżar ħelu. Fil-bqija tal-prodotti għandu jiġi analizzat fuq bażi volontarja. Dan huwa aċċettat jekk l-amitraż (prekursur) u l-metaboliti tiegħu riduċibbli għal metodu multiresidwu 2,4 dimetilformanilid (DMF) u N-(2,4 –dimetilfenil)-N'-metilformammid (DMPF) huma individwati u ddikjarati separatament.
Amitrol	(c)	(a)	(b)	Nota (i)
Ażinfosmetil	(c)	(a)	(b)	
Ażossistrobina	(c)	(a)	(b)	
Benfurakarb	(c)	(a)	(b)	Nota (g), Nota (i)
Bifentrin	(c)	(a)	(b)	
Bifenil	(c)	(a)	(b)	
Bitertanol	(c)	(a)	(b)	
Boskalid	(c)	(a)	(b)	
Jonju tal-bromur	(c)	(a)	(b)	Għandu jiġi analizzat fl-2013 fil-ħass u t-tadam; fl-2014 fir-ross u fl-2015 fil-bżar ħelu biss. Fil-bqija tal-prodotti għandu jiġi analizzat fuq bażi volontarja.
Bromopropilat	(c)	(a)	(b)	
Bromukonażol	(c)	(a)	(b)	Nota (i)
Bupirimat	(c)	(a)	(b)	
Buprofeżin	(c)	(a)	(b)	

▼B

	2013	2014	2015	Rimarki
Kaptan	(c)	(a)	(b)	Id-definizzjoni speċifika tar-residwu tat-total ta' kaptan u folpet għandha tapplika għall-frott taż-żerriegħa, il-frawli, it-tadam u l-fażola, għall-bqija tal-prodotti d-definizzjoni tar-residwu tinkludi biss il-kaptan. Il-kaptan u l-folpet għandhom jiġu rrappurtati kemm individwalment kif ukoll bħala t-total.
Karbaril	(c)	(a)	(b)	
Karbendażim	(c)	(a)	(b)	
Karbofuran	(c)	(a)	(b)	
Karbosulfan	(c)	(a)	(b)	Nota (g), Nota (i)
Klorantraniliprol	(c)	(a)	(b)	Nota (g)
Klorfenapir	(c)	(a)	(b)	
Klorfenvinfos	(c)	(a)	(b)	Nota (i)
Klormekwat	(c)	(a)	(b)	Għandu jiġi analizzat fl-2013 fis-segala/il-ħafur, it-tadam u l-inbid; fl-2014 fiz-zunnarija, il-lanġas, ir-ross u d-dqiq tal-qamħ u fl-2015 fil-brunġiel, l-għeneb tal-mejda u l-qamħ. Fil-bqija tal-prodotti għandu jiġi analizzat fuq bażi volontarja.
Klorotalonil	(c)	(a)	(b)	
Klorprofam	(c)	(a)	(b)	Nota (h) Definizzjoni tar-residwu: klorprofam u 3-kloroanilina espressi bħala klorprofam. Għall-patata (elenkata għall-2014) id-definizzjoni tar-residwu hija prekursur biss.
Klorpirifos	(c)	(a)	(b)	
Klorpirifosmetil	(c)	(a)	(b)	
Klofenteżina	(c)	(a)	(b)	Ma hemmx għalfejn jiġi analizzat fiċ-ċereali.
Klotijanidin	(c)	(a)	(b)	Ara wkoll it-tijametossam
Ċiflutrin	(c)	(a)	(b)	
Ċimossanil	(c)	(a)	(b)	Nota (g)
Ċipermetrina	(c)	(a)	(b)	
Ċiprokonażol	(c)	(a)	(b)	
Ċiprodinil	(c)	(a)	(b)	
Ċiromażina	(c)	(a)	(b)	Nota (g)
Deltametrina (ċisdeltametrina)	(c)	(a)	(b)	
Diażinon	(c)	(a)	(b)	

▼B

	2013	2014	2015	Rimarki
Diklofluwanid	(c)	(a)	(b)	Nota (i) Il-metabolit DMSA (N,N-dimetil-N-fenilsulfammid), li ma jagħmilx parti mid-definizzjoni tar-residwu, għandu jkun immonitorjat u rrappurtat sa fejn il-metodu jkun ivvalidat.
Diklorvos	(c)	(a)	(b)	
Dikloran	(c)	(a)	(b)	Nota (i)
Dikofol	(c)	(a)	(b)	Ma hemmx għalfejn jiġi analizzat fiċ-ċereali.
Dikrotofos	(c)	(a)	(b)	Id-definizzjoni tar-residwu li għandha tapplika tinkludi l-kompost prekursur biss. Fl-2014 għandu jiġi analizzat fuq il-fażola u fl-2015 fuq il-brunġiel u l-pastard. Fil-bqija tal-prodotti għandu jiġi analizzat fuq bażi volontarja.
Dietofenkarb	(c)	(a)	(b)	Nota (g)
Difenokonażol	(c)	(a)	(b)	
Diflubenżuron	(c)	(a)	(b)	Nota (g)
Dimetoat	(c)	(a)	(b)	Definizzjoni tar-residwu: it-total tad-dimetoat u l-ometoat espress bħala dimetoat.
Dimetomorf	(c)	(a)	(b)	Ma hemmx għalfejn jiġi analizzat fiċ-ċereali.
Dinikonażol	(c)	(a)	(b)	Nota (g)
Difenilammina	(c)	(a)	(b)	
Ditijanon	(c)	(a)	(b)	Nota (g)
Ditiokarbammati	(c)	(a)	(b)	Għandu jiġi analizzat fil-prodotti elenkati kollha ħlief fil-meraq tal-larinġ u ż-żejt taż-żebbuġa.
Dodina	(c)	(a)	(b)	Nota (g)
Endosulfan	(c)	(a)	(b)	
EPN	(c)	(a)	(b)	
Epossikonażol	(c)	(a)	(b)	
Etefon	(c)	(a)	(b)	Għandu jiġi analizzat fl-2013 fit-tuffieħ, is-segala/il-ħafur, it-tadam u l-inbid; fl-2014 fil-larinġ/mandolin, ir-ross u dqiq tal-qamħ u fl-2015 fil-meraq tal-larinġ, il-bżar ħelu, il-qamħ u l-għeneb tal-mejda. Fil-bqija tal-prodotti għandu jiġi analizzat fuq bażi volontarja.
Etjon	(c)	(a)	(b)	
Etirimol	(c)	(a)	(b)	Nota (g) Ma hemmx għalfejn jiġi analizzat fiċ-ċereali. Innota li l-etirimol huwa ffurmat ukoll bħala prodott ta' degradazzjoni tal-bupirimat.
Etoprofos	(c)	(a)	(b)	

▼B

	2013	2014	2015	Rimarki
Etofenpross	(c)	(a)	(b)	
Famossadon	(c)	(a)	(b)	Nota (g)
Fenamifos	(c)	(a)	(b)	
Fenamidon	(c)	(a)	(b)	
Fenarimol	(c)	(a)	(b)	Ma hemmx għalfejn jiġi analizzat fiċ-ċereali.
Fenażakwin	(c)	(a)	(b)	Ma hemmx għalfejn jiġi analizzat fiċ-ċereali.
Fenbukonażol	(c)	(a)	(b)	
Ossidu tal-fenbutatin	(c)	(a)	(b)	Nota (h) Għandu jiġi analizzat fl-2013 fil-tuffieħ u t-tadam; fl-2014 fil-larinġ/mandolin u l-lanġas u fl-2015 fil-brunġiel, il-bżar ħelu u l-għeneb tal-mejda. Fil-bqija tal-prodotti għandu jiġi analizzat fuq bażi volontarja.
Feneżamid	(c)	(a)	(b)	
Fenitrotijon	(c)	(a)	(b)	
Fenossikarb	(c)	(a)	(b)	
Fenpropatrina	(c)	(a)	(b)	
Fenpropimorf	(c)	(a)	(b)	
Fenpirossimat	(c)	(a)	(b)	Nota (g)
Fentijon	(c)	(a)	(b)	
Fenvalerat/Esfenvalerat (it-total)	(c)	(a)	(b)	Nota (h)
Fipronil	(c)	(a)	(b)	Nota (h)
Flonikamid	(c)	(a)	(b)	Nota (g), Nota (h)
Fluważifop	(c)	(a)	(b)	Nota (h) Il-fluważifop għandu jiġi analizzat fl-2013 fil-kaboċċi u l-frawli; fl-2014 fil-fażola, il-karrotti u l-patata u l-ispinaċi u fl-2015 fil-pastard, il-piżelli u l-bżar ħelu. Fil-bqija tal-prodotti għandu jiġi analizzat fuq bażi volontarja.
Flubendiammid	(c)	(a)	(b)	Nota (g)
Fludiossonil	(c)	(a)	(b)	
Flufenossuron	(c)	(a)	(b)	
Fluwopiram	(c)	(a)	(b)	Nota (g)
Flukwinkonażol	(c)	(a)	(b)	
Flusilażol	(c)	(a)	(b)	

▼B

	2013	2014	2015	Rimarki
Flutrijafol	(c)	(a)	(b)	
Folpet	(c)	(a)	(b)	Id-definizzjoni tar-residwu speċifiku tat-total tal-kaptan u tal-folpet għandha tapplika għall-fażola, il-frott taż-żerriegħa, il-frawli u t-tadam. Għall-bqija tal-prodotti d-definizzjoni tar-residwu tinkludi folpet biss.
Formetanat	(c)	(a)	(b)	Nota (g)
Formotjon	(c)	(a)	(b)	Nota (g), Nota (i)
Fostijażat	(c)	(a)	(b)	
Glifosat	(c)	(a)	(b)	Fl-2013 għandu jiġi analizzat fis-segala/il-ħafur; fl-2014 fid-dqiq tal-qamħ u fl-2015 fuq il-qamħ. Fil-bqija tal-prodotti għandu jiġi analizzat fuq bażi volontarja.
Alossifop inkluż alossifop-R	(c)	(a)	(b)	Nota (h) L-alossifop għandu jiġi analizzat fl-2013 fil-kaboċċi u l-frawli; fl-2014 fil-fażola (fil-miżwed), il-karrotti u l-patata u l-ispinaċi u fl-2015 fil-pastard u l-piżelli. Fil-bqija tal-prodotti għandu jiġi analizzat fuq bażi volontarja.
Eżakonażol	(c)	(a)	(b)	
Eżitiażoss	(c)	(a)	(b)	Ma hemmx għalfejn jiġi analizzat fiċ-ċereali.
Imażalil	(c)	(a)	(b)	
Imidakloprid	(c)	(a)	(b)	
Indossakarb	(c)	(a)	(b)	
Iprodion	(c)	(a)	(b)	
Iprovalikarb	(c)	(a)	(b)	
Isokarbofos	(c)	(a)	(b)	Nota (g), Nota (i) Id-definizzjoni tar-residwu li għandha tapplika tinkludi l-kompost prekursur biss.
Isofenfosmetil	(c)	(a)	(b)	Nota (g), Nota (i)
Isoprokarb	(c)	(a)	(b)	Nota (g)
Krežossimmetil	(c)	(a)	(b)	
Lambda-Ċjalotrina	(c)	(a)	(b)	
Linuron	(c)	(a)	(b)	
Lufenuron	(c)	(a)	(b)	
Malatijon	(c)	(a)	(b)	
Mandipropamid	(c)	(a)	(b)	Nota (g)
Mepanipirim	(c)	(a)	(b)	

▼B

	2013	2014	2015	Rimarki
Mepikwat	(c)	(a)	(b)	Fl-2013 għandu jiġi analizzat fis-segala/il-ħafur u t-tadam; fl-2014 fil-lanġas, ir-ross u d-dqiq tal-qamħ u fl-2015 fil-qamħ. Fil-bqija tal-prodotti għandu jiġi analizzat fuq bażi volontarja.
Meptildinokap	(c)	(a)	(b)	Nota (g), Nota (h) Definizzjoni tar-residwu: it-total ta' 2,4- DNOPC u 2,4- DNOP espress bħala meptildinokap.
Metalassil	(c)	(a)	(b)	
Metkonażol	(c)	(a)	(b)	Nota (i)
Metamidofos	(c)	(a)	(b)	
Metidatjon	(c)	(a)	(b)	
Metijokarb	(c)	(a)	(b)	
Metomil	(c)	(a)	(b)	Definizzjoni tar-residwu: metomil u tiodikarb (it-total ta' metomil u tiodikarb espress bħala metomil.
Metossiklor	(c)	(a)	(b)	
Metossifenożid	(c)	(a)	(b)	
Metobromuron	(c)	(a)	(b)	Nota (g), Nota (i) Id-definizzjoni tar-residwu li għandha tapplika tinkludi l-kompost prekursur biss.
Monokrotofos	(c)	(a)	(b)	
Miklobutanil	(c)	(a)	(b)	
Nitenpiram	(c)	(a)	(b)	Nota (i) Fl-2013 għandu jiġi analizzat fil-ħawħ; fl-2014 fil-fażola (fil-miżwed) u l-ħjar; fl-2015 fil-bżar ħelu. Fil-bqija tal-prodotti għandu jiġi analizzat fuq bażi volontarja. Id-definizzjoni tar-residwu li għandha tapplika tinkludi l-kompost prekursur biss.
Ossadissil	(c)	(a)	(b)	Nota (i)
Ossamil	(c)	(a)	(b)	
Ossidemetonmetil	(c)	(a)	(b)	
Paklobutrażol	(c)	(a)	(b)	
Paratjon	(c)	(a)	(b)	Nota (i)
Paratjonmetil	(c)	(a)	(b)	
Penkonażol	(c)	(a)	(b)	
Penċikuron	(c)	(a)	(b)	
Pendimetalin	(c)	(a)	(b)	

▼B

	2013	2014	2015	Rimarki
Fentoat	(c)	(a)	(b)	Nota (i)
Fosalun	(c)	(a)	(b)	Nota (i)
Fosmet	(c)	(a)	(b)	
Fossim	(c)	(a)	(b)	Nota (i)
Pirimikarb	(c)	(a)	(b)	
Pirimifosmetil	(c)	(a)	(b)	
Prokloraż	(c)	(a)	(b)	Nota (h)
Proċimidon	(c)	(a)	(b)	
Profenofos	(c)	(a)	(b)	
Propamokarb	(c)	(a)	(b)	Fl-2013 għandu jiġi analizzat fit-tuffieħ, il-kaboċċi, il-ħass, it-tadam u l-inbid; fl-2014 fil-fażola, il-karrotti, il-ħjar, il-larinġ/il-klementina, il-patata u l-frawli u fl-2015 fil-brunġiel, il-pastard u l-bżar ħelu. Fil-bqija tal-prodotti għandu jiġi analizzat fuq bażi volontarja.
Proparġit	(c)	(a)	(b)	
Propikonażol	(c)	(a)	(b)	
Propossur	(c)	(a)	(b)	Nota (g), Nota (i)
Propiżammid	(c)	(a)	(b)	
Protijokonażol	(c)	(a)	(b)	Nota (i) Definizzjoni tar-residwu: protijokonażol (protijokonażol-destio).
Protjofos	(c)	(a)	(b)	Nota (g) Id-definizzjoni tar-residwu li għandha tapplika tinkludi l-kompost prekursur biss.
Pimetrożina	(c)	(a)	(b)	Nota (g) Fl-2013 għandu jkun analizzat fil-kaboċċi, il-ħass, il-frawli u t-tadam; fl-2014 il-pimetrożina għandha tiġi analizzata fil-ħjar u fl-2015 fil-brunġiel u l-bżar ħelu. Fil-bqija tal-prodotti għandu jiġi analizzat fuq bażi volontarja.
Piraklostrobin	(c)	(a)	(b)	
Piretrini	(c)	(a)	(b)	Nota (h)
Piridaben	(c)	(a)	(b)	
Pirimetanil	(c)	(a)	(b)	
Piriprossifen	(c)	(a)	(b)	
Kwinossifen	(c)	(a)	(b)	
Rotenon	(c)	(a)	(b)	Nota (g)

▼B

	2013	2014	2015	Rimarki
Spinosad	(c)	(a)	(b)	
Spirodiklofen	(c)	(a)	(b)	Nota (g)
Spiromesifen	(c)	(a)	(b)	Nota (g)
Spirossammina	(c)	(a)	(b)	
Taw-Fluvalinat	(c)	(a)	(b)	
Tebukonażol	(c)	(a)	(b)	
Tebufenożid	(c)	(a)	(b)	
Tebufenpirad	(c)	(a)	(b)	Ma hemmx għalfejn jiġi analizzat fiċ-ċereali.
Teflubenżuron	(c)	(a)	(b)	
Teflutrina	(c)	(a)	(b)	Nota (i)
Terbutilażina	(c)	(a)	(b)	
Tetrakonażol	(c)	(a)	(b)	
Tetradifon	(c)	(a)	(b)	Ma hemmx għalfejn jiġi analizzat fiċ-ċereali.
Tetrametrina	(c)	(a)	(b)	Nota (g), Nota (i) Id-definizzjoni tar-residwu li għandha tapplika tinkludi l-kompost prekursur biss.
Tijabendażol	(c)	(a)	(b)	
Tijakloprid	(c)	(a)	(b)	
Tijametossam	(c)	(a)	(b)	Definizzjoni tar-residwu: it-total ta' tijametossam u klotijanidin espress bħala tijametossam.
Tijofanatmetil	(c)	(a)	(b)	
Tolklofosmetil	(c)	(a)	(b)	
Tolilfluwanid	(c)	(a)	(b)	Nota (i) Ma hemmx għalfejn jiġi analizzat fiċ-ċereali.
Trijadimefon u trijadimenol	(c)	(a)	(b)	Definizzjoni tar-residwu: it-total ta' trijadimefon u t-trijadimenol.
Trijażofos	(c)	(a)	(b)	
Triklorfon	(c)	(a)	(b)	Nota (g)
Triflossistrobin	(c)	(a)	(b)	
Triflumuron	(c)	(a)	(b)	
Trifluralina	(c)	(a)	(b)	
Tritikonażol	(c)	(a)	(b)	Nota (i)
Vinkložolin	(c)	(a)	(b)	Nota (h) Ma hemmx għalfejn jiġi analizzat fiċ-ċereali.
Żossammid	(c)	(a)	(b)	

▼B

PARTI B

Kombinazzjonijiet ta' pestiċidi/prodotti li għandhom jiġu mmonitorjati fi/fuq prodotti ta' oriġini mill-annimali

	2013	2014	2015	Rimarki
Aldrin u Dieldrin	(e)	(f)	(d)	Nota (i) Definizzjoni tar-residwu: aldrin u dieldrin ikkombinati, espressi bħala dieldrin.
Ażinfosetil	(e)	(f)	(d)	Nota (i)
Bifentrin	(e)	(f)	(d)	Nota (i)
Bissafen	(e)		(d)	Definizzjoni tar-residwu: it-total ta' bissafen u bissafen desmetil espress bħala bissafen. Irid jiġi analizzat fuq bażi volontarja fil-ħalib u l-laħam tal-majjal (2013) u l-butir u l-bajd (2015). Mhux rilevanti għall-prodotti elenkati fl-2014.
Boskalid	(e)		(d)	Nota (h) Definizzjoni tar-residwu: it-total ta' boskalid u M 510F01 inklużi l-konjugati tiegħu espress bħala boskalid. Għandu jiġi analizzat fuq bażi volontarja fil-ħalib (2013) u l-butir (2015), ma hemmx għalfejn jiġi analizzati fil-laħam tal-majjal (2013) u l-bajd (2015). Mhux rilevanti għall-prodotti elenkati fl-2014.
Karbendażim u tijofanatmetil, espressi bħala karbendażim	(e)	(f)	(d)	Nota (g) Definizzjoni tar-residwu: karbendażim u tijofanatmetil, espressi bħala karbendażim.
Klordan	(e)	(f)	(d)	Nota (i) Definizzjoni tar-residwu: it-total taċ-ċisisomeri u t-transisomeri u l-ossiklordan espress bħala klordan.
Klormekwat	(e)	(f)		Għandu jiġi analizzat fuq bażi volontarja fil-ħalib tal-baqar (2013) u l-fwied (2014), ma hemmx għalfejn jiġi analizzati fil-laħam tal-majjal (2013) u l-laħam tat-tajr (2014). Mhux rilevanti għall-prodotti elenkati fl-2015.
Klorobenżilat	(e)	(f)	(d)	Nota (g), Nota (i)
Klorprofam	(e)		(d)	Nota (h) Definizzjoni tar-residwu: klorprofam u 4'-idrossiklorprofam-O-aċidu sulfoniku (4-HSA), espressi bħala klorprofam. Għandu jiġi analizzat fuq bażi volontarja fil-ħalib u fil-laħam tal-majjal (2013) u l-butir (2015), ma hemmx għalfejn jiġi analizzat fil-bajd (2015). Mhux rilevanti għall-prodotti elenkati fl-2014.
Klorpirifos	(e)	(f)	(d)	
Klorpirifosmetil	(e)	(f)	(d)	Nota (i)
			(d)	
Ċiflutrin	(e)	(f)	(d)	Nota (i)
Ċipermetrina	(e)	(f)	(d)	

▼B

	2013	2014	2015	Rimarki
Ċiprokonażol		(f)		Għandu jiġi analizzat fuq bażi volontarja fil-fwied (2014), ma hemmx għalfejn jiġi analizzat fil-laħam tat-tajr (2014). Mhux rilevanti għall-prodotti elenkati fl-2013/2015.
DDT	(e)	(f)	(d)	
Deltametrina	(e)	(f)	(d)	Nota (i)
Diażinon	(e)	(f)	(d)	
Diklorprop (inkl. Diklorprop-P)	(e)	(f)		Għandu jiġi analizzat fuq bażi volontarja fil-fwied (2014), ma hemmx għalfejn jiġi analizzat fil-laħam tat-tajr (2014). Mhux rilevanti għall-prodotti elenkati fl-2013/2015.
Endosulfan	(e)	(f)	(d)	Nota (i)
Endrin	(e)	(f)	(d)	
Epossikonażol		(f)	(d)	Għandu jiġi analizzat fuq bażi volontarja fil-fwied (2014), ma hemmx għalfejn jiġi analizzat fil-laħam tat-tajr (2014). Mhux rilevanti għall-prodotti elenkati fl-2013/2015.
Etofenpross	(e)		(d)	Għandu jiġi analizzat fuq bażi volontarja fil-ħalib (2013) u l-butir (2015), ma hemmx għalfejn jiġi analizzati fil-laħam tal-majjal (2013) u l-bajd (2015). Mhux rilevanti għall-prodotti elenkati fl-2014.
Famossadon	(e)	(f)	(d)	Għandu jiġu analizzati fuq bażi volontarja fil-ħalib (2013), il-fwied (2014) u l-butir (2015), ma hemmx għalfejn jiġi analizzat fil-laħam tal-majjal (2013), il-laħam tat-tajr (2014) u l-bajd (2015).
Fenpropidin		(f)		Definizzjoni tar-residwu: it-total tal-fenpropidin u ta' CGA289267 express bħala fenpropidin. Għandu jiġi analizzat fuq bażi volontarja fil-fwied (2014), ma hemmx għalfejn jiġi analizzat fil-laħam tat-tajr (2014). Mhux rilevanti għall-prodotti elenkati fl-2013/2015.
Fenpropimorf	(e)	(f)		Nota (h) Definizzjoni tar-residwu: aċidu karbossiliku fenpropimorf (BF 421-2) espress bħala fenpropimorf. Għandu jiġi analizzat fuq bażi volontarja fil-laħam tal-majjal (2013) u l-fwied (2014), ma hemmx għalfejn jiġi analizzat fil-ħalib (2013) u l-laħam tat-tajr (2014). Mhux rilevanti għall-prodotti elenkati fl-2015.
Fentijon	(e)	(f)	(d)	Nota (i)
Fenvalerat/Esfenvalerat	(e)	(f)	(d)	Nota (h)
Fluważifop	(e)		(d)	Nota (h) Għandu jiġi analizzat fuq bażi volontarja fil-ħalib (2013) u fil-butir (2015). Ma hemmx għalfejn jiġi analizzat fil-laħam tal-majjal (2013) u l-bajd (2015). Mhux rilevanti għall-prodotti elenkati fl-2014.
Flukwinkonażol	(e)	(f)	(d)	Għandu jiġu analizzati fuq bażi volontarja fil-ħalib (2013), il-fwied (2014) u l-butir (2015), ma hemmx għalfejn jiġi analizzat fil-laħam tal-majjal (2013), il-laħam tat-tajr (2014) u l-bajd (2015).

▼B

	2013	2014	2015	Rimarki
Fluwopiram	([e])	([f])	([d])	Nota ([g]) Definizzjoni tar-residwu: it-total ta' fluwopiram u fluwopiram benżammid espress bħala fluwopiram
Flusilażol	([e])	([f])		Definizzjoni tar-residwu: it-total ta' flusilażol u l-metabolit tiegħu IN-F7321 ([bis-(4-fluworofenil)-metil]silanol) espress bħala flusilażol. Għandu jiġi analizzat fuq bażi volontarja fil-laħam tal-majjal (2013) u l-fwied (2014), ma hemmx għalfejn jiġi analizzati fil-ħalib (2013) u l-laħam tat-tajr (2014). Mhux rilevanti għall-prodotti elenkati fl-2015.
Ammonju glufosinat		([f])		Nota ([h]) Definizzjoni tar-residwu: it-total tal-glufosinat, l-imluħ tiegħu, MPP u NAG espress bħala ekwivalenti tal-glufosinat. Għandu jiġ analizzat fuq bażi volontarja fil-fwied (2014), ma hemmx għalfejn jiġi analizzat fil-laħam tat-tajr (2014). Mhux rilevanti għall-prodotti elenkati fl-2013/2015.
Glifosat		([f])		Għandu jiġi analizzat fuq bażi volontarja fl-2014. Mhux rilevanti għall-prodotti elenkati fl-2013/2015.
Alossifop	([e])	([f])	([d])	Nota ([g]), Nota ([h]) Definizzjoni tar-residwu: alossifop-R u l-konjugati ta' alossifop-R espressi bħala alossifop-R. Għandu jiġi analizzat fuq bażi volontarja fil-ħalib (2013), il-fwied (2014) u l-butir (2015), ma hemmx għalfejn jiġi analizzat fil-laħam tal-majjal (2013), il-laħam tat-tajr (2014) u l-bajd (2015).
Eptaklor	([e])	([f])	([d])	Definizzjoni tar-residwu: it-total tal-eptaklor u l-eptaklor epossidu espress bħala eptaklor.
Eżaklorobenżen	([e])	([f])	([d])	
Eżaklorċikloeżan (HCH), isomeru alfa	([e])	([f])	([d])	
Eżaklorċikloeżan (HCH), isomeru beta	([e])	([f])	([d])	
Eżakloroċikloeżan (HCH) (isomeru gamma) (lindan)	([e])	([f])	([d])	
Indossakarb	([e])		([d])	Definizzjoni tar-residwu: indossakarb bħala t-total tal-isomeri S u R. Għandu jiġi analizzat fuq bażi volontarja fil-ħalib (2013) u l-butir (2015), ma hemmx għalfejn jiġi analizzati fil-laħam tal-majjal (2013) u l-bajd (2015). Mhux rilevanti għall-prodotti elenkati fl-2014.
Jossinil	([e])	([f])		Definizzjoni tar-residwu: it-total tal-jossinil, l-imluħ tiegħu u l-esteri tiegħu, espress bħala jossinil. Għandu jiġi analizzat fuq bażi volontarja fil-laħam tal-majjal (2013), il-fwied (2014) u l-laħam tat-tajr (2014), ma hemmx għalfejn jiġi analizzat fil-ħalib (2013). Mhux rilevanti għall-prodotti elenkati fl-2015.

▼B

	2013	2014	2015	Rimarki
Idrażidu malejku	(e)	(f)	(d)	Nota (g), Nota (h) Għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib id-definizzjoni tar-residwu hija idrażidu malejku u l-konjugati tiegħu definiti bħala idrażidu malejku.
Mepikwat		(f)		Għandu jiġi analizzat fuq bażi volontarja fil-fwied (2014), ma hemmx għalfejn jiġi analizzat fil-laħam tat-tajr (2014). Mhux rilevanti għall-prodotti elenkati fl-2013/2015.
Metaflumiżon	(e)	(f)	(d)	Definizzjoni tar-residwu: it-total tal-isomeri E u Z. Għandu jiġi analizzat fuq bażi volontarja fil-laħam tal-majjal (2013), il-laħam tat-tajr (2014) u l-bajd (2015), ma hemmx għalfejn jiġi analizzat fil-ħalib (2013), il-fwied (2014) u l-butir (2015).
Metażaklor		(f)		Nota (h) Definizzjoni tar-residwu: metażaklor inkluži l-prodotti ta' degradazzjoni u ta' reazzjoni, li jistgħu jkunu ddeterminati bħala 2,6-dimetilanilina, ikkalkulat fit-total bħala metażaklor Għandu jiġ analizzat fuq bażi volontarja fil-fwied (2014), ma hemmx għalfejn jiġi analizzat fil-laħam tat-tajr (2014). Mhux rilevanti għall-prodotti elenkati fl-2013/2015.
Metidatjon	(e)	(f)	(d)	Nota (i)
Metossiklor	(e)	(f)	(d)	Nota (i)
Paratjon	(e)	(f)	(d)	Nota (i)
Paratjonmetil	(e)	(f)	(d)	Nota (i) Definizzjoni tar-residwu: it-total ta' paratjonmetil u paraossonmetil espress bħala paratjonmetil.
Permetrin	(e)	(f)	(d)	Definizzjoni tar-residwu: it-total taċ-ċispermetrin u t-transpermetrin.
Pirimifosmetil	(e)	(f)	(d)	
Prokloraż	(e)	(f)		Nota (h) Definizzjoni tar-residwu: prokloraż (it-total tal-prokloraż u l-metaboliti tiegħu li fihom frazzjoni tat-2,4,6-triklorofenol express bħala prokloraż) Għandu jiġi analizzat fuq bażi volontarja fil-laħam tal-majjal (2013), il-laħam tat-tajr (2014) u l-fwied (2014), ma hemmx għalfejn jiġi analizzati fil-ħalib (2013). Mhux rilevanti għall-prodotti elenkati fl-2015.
Profenofos	(e)	(f)	(d)	Nota (i)
Protijokonażol		(f)		Definizzjoni tar-residwu: It-total tal-protijokonażol-destio u l-konjugat glukuronid tiegħu, espress bħala protijokonażol-destio. Għandu jiġ analizzat fuq bażi volontarja fil-fwied (2014), ma hemmx għalfejn jiġi analizzat fil-laħam tat-tajr (2014). Mhux rilevanti għall-prodotti elenkati fl-2013/2015.
Pirażofos	(e)	(f)	(d)	Nota (i)

▼B

	2013	2014	2015	Rimarki
Resmetrina	([e])	([f])	([d])	Nota ([i]) Definizzjoni tar-residwu: it-total tal-isomeri.
Spinosad		([f])		Definizzjoni tar-residwu: it-total tal-ispinosin A u l-ispinosin D, espress bħala spinosad. Għandu jiġi analizzat fuq bażi volontarja fil-fwied (2014), ma hemmx għalfejn jiġi analizzat fil-laħam tat-tajr (2014). Mhux rilevanti għall-prodotti elenkati fl-2013/2015.
Spirossammina	([e])	([f])		Definizzjoni tar-residwu: aċidu karbossiliku spirossammina espress bħala spirossammina. Għandu jiġi analizzat fuq bażi volontarja fil-ħalib (2013) u l-fwied (2014), ma hemmx għalfejn jiġi analizzat fil-laħam tal-majjal (2013) u l-laħam tat-tajr (2014). Mhux rilevanti għall-prodotti elenkati fl-2015.
Taw-Fluvalinat	([e])		([d])	Għandu jiġi analizzat fuq bażi volontarja fil-ħalib (2013) u l-butir (2015), ma hemmx għalfejn jiġi analizzati fil-laħam tal-majjal (2013) u l-bajd (2015). Mhux rilevanti għall-prodotti elenkati fl-2014.
Tebukonażol		([f])		Għandu jiġ analizzat fuq bażi volontarja fil-fwied (2014), ma hemmx għalfejn jiġi analizzat fil-laħam tat-tajr (2014). Mhux rilevanti għall-prodotti elenkati fl-2013/2015.
Tetrakonażol	([e])	([f])	([d])	Għandu jiġi analizzat fuq bażi volontarja fil-ħalib (2013), il-fwied (2014) u l-butir (2015), ma hemmx għalfejn jiġi analizzat fil-laħam tal-majjal (2013), il-laħam tat-tajr (2014) u l-bajd (2015).
Tijakloprid		([f])		Għandu jiġi analizzat fuq bażi volontarja fil-fwied (2014), ma hemmx għalfejn jiġi analizzat fil-laħam tat-tajr (2014). Mhux rilevanti għall-prodotti elenkati fl-2013/2015.
Topramezon		([f])		Nota ([h]) Definizzjoni tar-residwu: topramezon (BAS 670H) Għandu jiġi analizzat fuq bażi volontarja fil-fwied (2014), ma hemmx għalfejn jiġi analizzat fil-laħam tat-tajr (2014). Mhux rilevanti għall-prodotti elenkati fl-2013/2015.
Trijażofos	([e])	([f])	([d])	Nota ([i])

([a]) Fażola fil-miżwed (friska jew iffriżata), karrotti, ħjar, lariġ jew mandolin, lanġas, patata, ross, spinaċi (friska jew iffriżata) u dqiq tal-qamħ.

([b]) Brunġiel, banana, pastard jew brokkli, għeneb tal-mejda, meraq tal-lariġ, piżelli mingħajr miżwed (friski jew iffriżati), bżar (ħelu) qamħ u żejt taż-żebbuġa verġni (fattur tal-ipproċessar taż-żejt = 5, filwaqt li titqies ir-rendita standard tal-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa ta' 20 % tal-ħsad taż-żebbuġ).

([c]) Tuffieħ, kaboċċi, kurrat, ħass, ħawħ inklużi n-nuċiprisk u ibridi simili; segala jew ħafur, frawli, tadam u nbid (aħmar jew abjad) magħmul mill-għeneb. (Jekk l-ebda fattur speċifiku tal-ipproċessar għall-inbid ma jkun disponibbli, fattur ta' inadempjenza ta' 1 jista' jiġi applikat. L-Istati Membri huma mitluba li jirrappurtaw il-fatturi tal-ipproċessar tal-inbid użati fir-"Rapport sommarju nazzjonali").

([d]) Butir u bajd tat-tiġieġ.

([e]) Ħalib tal-baqar u laħam tal-majjal.

([f]) Laħam tat-tajr, fwied (annimali bovini u annimali oħra li jixtarru, majjal u tajr).

►M1 ([g]) Analiżi fuq bażi volontarja fl-2013 u l-2014. ◄

([h]) Sustanzi b'definizzjoni tar-residwu diffiċli. Il-laboratorji uffiċjali għandhom janalizzawhom għad-definizzjoni sħiħa tar-residwu skont il-kapaċità u r-riżultati tar-rapport kif maqbul fl-SSD.

([i]) Sustanzi bl-ebda livell għoli ta' sejbiet skont il-programm ta' kontroll uffiċjali tal-2010 għandhom jiġu analizzati minn dawk il-laboratorji uffiċjali li diġà għandhom il-metodu meħtieġ ivvalidat. Għal-laboratorji li ma għandhom l-ebda metodu vvalidat, mhuwiex obbligatorju li jiġi vvalidat metodu fl-2013 u l-2014.

▼B

ANNESS II

Għadd ta' kampjuni msemmija fl-Artikolu 1

(1) L-għadd ta' kampjuni li għandhom jittieħdu għal kull prodott u jiġu analizzati minn kull Stat Membru huwa stabbilit fit-tabella fil-punt (5).

(2) Barra mill-kampjuni meħtieġa skont dik it-tabella, fl-2013 kull Stat Membru għandu jieħu u janalizza għaxar kampjuni, b'kollox, ta' ikel għat-trabi u għat-tfal iż-żgħar.

Barra mill-kampjuni meħtieġa skont dik it-tabella, fl-2014 kull Stat Membru għandu jieħu u janalizza għaxar kampjuni, b'kollox, ta' formuli u formuli ta' prosegwiment għat-trabi.

Barra mill-kampjuni meħtieġa skont it-tabella fil-punt (5), fl-2015 kull Stat Membru għandu jieħu u janalizza għaxar kampjuni ta' ikel tat-trabi pproċessat b'bażi ta' ċereali.

(3) Kampjun għal kull prodott bażiku li għandu jittieħed u jiġi analizzat skont it-tabella fil-punt (5) għandu jkun, fejn ikun possibbli, minn prodotti li joriġinaw mill-biedja organika.

(4) L-Istati Membri li jużaw metodi ta' analiżi ta' residwi multipli jistgħu jużaw metodi ta' skrining kwalitattiv fuq sa 15 % tal-kampjuni li għandhom jittieħdu u jiġu analizzati skont it-tabella fil-punt (5). Meta Stat Membru juża metodi ta' skrining kwalitattiv, għandu janalizza l-bqija tal-kampjuni permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi multipli.

Jekk ir-riżultati tal-iskrining kwalitattiv ikunu pożittivi, l-Istati Membri għandhom jużaw metodu tas-soltu ta' mmirar biex jikkwantifikaw is-sejbiet.

(5) Għadd ta' kampjuni għal kull Stat Membru:

Stat Membru	Kampjuni
BE	12 (*) 15 (**)
BG	12 (*) 15 (**)
CZ	12 (*) 15 (**)
DK	12 (*) 15 (**)
DE	93
EE	12 (*) 15 (**)
EL	12 (*) 15 (**)

Stat Membru	Kampjuni
ES	45
FR	66
IE	12 (*) 15 (**)
IT	65
CY	12 (*) 15 (**)
LV	12 (*) 15 (**)
LT	12 (*) 15 (**)
LU	12 (*) 15 (**)

▼B

Stat Membru	Kampjuni
HU	12 (*) 15 (**)
▼M2 HR	12 (*) 15 (**)
▼B MT	12 (*) 15 (**)
NL	17
AT	12 (*) 15 (**)
PL	45
PT	12 (*) 15 (**)
RO	17
SI	12 (*) 15 (**)
SK	12 (*) 15 (**)
FI	12 (*) 15 (**)
SE	12 (*) 15 (**)
UK	66

GĦADD MINIMU TOTALI TA' KAMPJUNI: 642

(*) Għadd minimu ta' kampjuni għal kull metodu applikat għal residwu uniku.
(**) Għadd minimu ta' kampjuni għal kull metodu applikat għal residwi multipli.

▼B

ANNESS III

(1) Id-Deskrizzjoni Standard tal-Kampjuni (SSD) għall-ikel u l-għalf huwa l-format ta' rrappurtar tar-riżultati tal-analiżijiet għal residwu tal-pestiċidi.

(2) L-SSD tinkludi lista ta' elementi ta' dejta standardizzati (oġġetti li jiddeskrivu l-karatteristiċi tal-kampjuni jew ir-riżultati analitiċi bħall-pajjiż tal-oriġini, il-prodott, il-metodu analitiku, il-limitu tad-detezzjoni, ir-riżultat), it-terminoloġiji kkontrollati u r-regoli ta' validazzjoni biex tisaħħaħ il-kwalità tad-dejta.

Tabella

Lista tal-elementi tad-dejta tad-Deskrizzjoni Standard tal-Kampjuni għall-ġbir tad-dejta dwar ir-residwu tal-pestiċidi

Il-kodiċi tal-Element	Isem l-Element	It-tabella tal-Element	It-tip ta' Dejta [1]	It-terminoloġija kkontrollata	Id-deskrizzjoni
S.01	labSampCode	Il-kodiċi tal-kampjun tal-laboratorju	xs:string (20)		Il-kodiċi alfanumeriku tal-kampjun analizzat.
S.03	lang	Il-lingwa	xs:string (2)	LANG	Il-lingwa użata biex jimtlew is-sezzjonijiet li ma fihomx test (ISO-639-1).
S.04	sampCountry	Il-pajjiż tat-teħid tal-kampjuni	xs:string (2)	PAJJIŻ	Il-pajjiż fejn inġabar il-kampjun. (ISO 3166-1-alfa-2).
S.06	origCountry	Il-pajjiż tal-oriġini tal-prodott	xs:string (2)	PAJJIŻ	Il-pajjiż tal-oriġini tal-prodott (il-kodiċi tal-pajjiż ISO 3166-1-alfa-2).
S.13	prodCode	Il-kodiċi tal-prodott	xs:string (20)	MATRIX	Il-prodott tal-ikel analizzat deskritt skont il-katalogu MATRIX.
S.14	prodText	Id-deskrizzjoni tat-test sħiħ tal-prodott	xs:string (250)		Test liberu għad-deskrizzjoni fid-dettall tal-prodott fil-kampjun. Dan l-element isir obbligatorju jekk "il-kodiċi tal-prodott" ikun "XXXXXXA" (Mhux fil-lista).
S.15	prodProdMeth	Il-metodu ta' produzzjoni	xs:string (5)	PRODMD	Il-kodiċi li jipprovdi tagħrif addizzjonali dwar it-tip ta' produzzjoni għall-ikel li qed jiġi analizzat.
S.17	prodTreat	It-trattament tal-prodott	xs:string (5)	PRODTR	Użat biex jiddeskrivi t-trattamenti jew il-proċessi tal-prodott tal-ikel.
S.21	prodCom	Il-kumment dwar il-prodott	xs:string (250)		Informazzjoni addizzjonali dwar il-prodott, partikolarment dettalji ta' preparazzjoni jekk huma disponibbli.
S.28	sampY	Is-sena tat-teħid tal-kampjuni	xs:decimal (4,0)		Is-sena tat-teħid tal-kampjuni.
S.29	sampM	Ix-xahar tat-teħid tal-kampjuni	xs:decimal (2,0)		Ix-xahar tat-teħid tal-kampjuni. Jekk il-miżura tkun ir-riżultat ta' teħid ta' kampjuni matul perjodu ta' żmien, din is-sezzjoni għandu jkun fiha x-xahar meta nġabar l-ewwel kampjun.

▼B

Il-kodiċi tal-Element	Isem l-Element	It-tabella tal-Element	It-tip ta' Dejta [1]	It-terminoloġija kkontrollata	Id-deskrizzjoni
S.30	sampD	Il-ġurnata tat-teħid tal-kampjuni	xs:decimal (2,0)		Il-ġurnata tat-teħid tal-kampjuni. Jekk il-miżura tkun ir-riżultat ta' teħid ta' kampjuni matul perjodu ta' żmien, din is-sezzjoni għandu jkun fiha l-ġurnata ta' meta nġabar l-ewwel kampjun.
S.31	progCode	In-numru tal-programm	xs:string (20)		Il-kodiċi uniku ta' identifikazzjoni tal-ispeditur tal-programm jew tal-proġett li għalih ittieħed il-kampjun analizzat.
S.32	progLegalRef	Ir-referenza ġuridika għall-programm	xs:string (100)		Ir-referenza għal-leġiżlazzjoni għall-programm identifikat min-numru tal-programm.
S.33	progSamp-Strategy	L-istrateġija għat-teħid tal-kampjuni	xs:string (5)	SAMPSTR	L-istrateġija għat-teħid tal-kampjuni (ref. Eurostat - Tipoloġija tal-istrateġija tat-teħid tal-kampjun, verżjoni ta' Lulju 2009) li sar fil-programm jew fil-proġett identifikat mill-kodiċi tal-programm.
S.34	progType	It-tip tal-programm għat-teħid tal-kampjuni	xs:string (5)	SRCTYP	Indika t-tip ta' programm li l-kampjuni nġabru għalih.
S.35	sampMethod	Il-metodu għat-teħid tal-kampjuni	xs:string (5)	SAMPMD	Il-kodiċi li jiddeskrivi l-metodu għat-teħid tal-kampjuni
S.39	sampPoint	Il-punt għat-teħid tal-kampjuni	xs:string (10)	SAMPNT	Il-punt fil-katina alimentari minn fejn ittieħed il-kampjun. (Doc. ESTAT/F5/ES/155 "Dizzjunarju tad-dejta tal-attivitajiet tal-istabbilimenti").
L.01	labCode	Il-laboratorju	xs:string (100)		Il-kodiċi tal-laboratorju (Il-kodiċi tal-laboratorju nazzjonali jekk ikun disponibbli). Dan il-kodiċi għandu jkun uniku u konsistenti tul it-trażmissjonijiet.
L.02	labAccred	L-akkreditazzjoni tal-laboratorju	xs:string (5)	LABACC	L-akkreditazzjoni tal-laboratorju għal ISO/IEC 17025.
R.01	resultCode	Il-kodiċi tar-riżultat	xs:string (40)		In-numru ta' identifikazzjoni uniku ta' riżultat analitiku (ringiela tat-tabella tad-dejta) fil-fajl trażmess. Il-kodiċi tar-riżultat irid jinżamm fil-livell organizzattiv u se jintuża f'operazzjoni ulterjuri ta' aġġornament/tħassir mill-ispedituri.
R.02	analysisY	Is-sena tal-analiżi	xs:decimal (4,0)		Is-sena meta tlestiet l-analiżi.
R.06	paramCode	Il-kodiċi tal-parametru	xs:string (20)	PARAM	Il-parametru/analita tal-analiżi deskritta skont il-Kodiċi tas-Sustanza tal-katalogu PARAM.

▼B

Il-kodiċi tal-Element	Isem l-Element	It-tabella tal-Element	It-tip ta' Dejta [1]	It-terminoloġija kkontrollata	Id-deskrizzjoni
R.07	paramText	It-test tal-parametru	xs:string (250)		Test liberu għad-deskrizzjoni tal-parametru. Dan l-element isir obbligatorju jekk "il-kodiċi tal-parametru" ikun "RF-XXXX-XXX-XXX" (Mhux fil-lista).
R.08	paramType	It-tip tal-parametru	xs:string (5)	PARTYP	Indika jekk il-parametru rrappurtat huwa residwu/analita individwali, is-somma ta' definizzjoni ta' residwu jew parti minn somma.
R.12	accredProc	Il-proċedura tal-akkreditazzjoni għall-metodu analitiku	xs:string (5)	MDSTAT	Il-proċedura ta' akkreditazzjoni għall-metodu analitiku użat.
R.13	resUnit	L-unità tar-riżultat	xs:string (5)	UNIT	Ir-riżultati kollha għandhom ikunu rrappurtati bħala mg/kg.
R.14	resLOD	Ir-riżultat tal-LOD	xs:double		Limitu ta' detezzjoni rrappurtata fl-unità speċifikata mill-varjabbli "Unità tar-riżultat".
R.15	resLOQ	Ir-riżultat tal-LOQ	xs:double		Il-limitu ta' kwantifikazzjoni rrappurtat fl-unità speċifikata mill-varjabbli "Unità tar-riżultat".
R.18	resVal	Il-valur tar-riżultat	xs:double		Ir-riżultat tal-miżura analitika rrappurtat f'mg/kg jekk ir- resType = "VAL".
R.19	resValRec	L-irkupru tal-valur tar-riżultat	xs:double		Il-valur ta' rkupru assoċjat mal-kejl tal-konċentrrazzjoni espressa bħala perċentwali (%). jiġifieri rrapporta 100 għal 100 %.
R.20	resValRecCorr	Il-valur tar-riżultat ikkoreġut għall-irkupru	xs:string (1)	YESNO	Iddefinixxi jekk il-valur tar-riżultat tranġa bil-kalkolu għall-irkupru.
R.21	resValUncertSD	Id-devjazzjoni Standard mill-inċertezza tal-valur tar-riżultat	xs:double		Id-devjazzjoni standard għall-miżura ta' inċertezza
R.22	resValUncert	L-inċertezza tal-valur tar-riżultat	xs:double		Indika l-valur tal-inċertezza mwessa' (normalment intervall ta' kunfidenza ta' 95 %) assoċjat mal-kejl espress fl-unità rrappurtata fis-sezzjoni "Unità tar-riżultat".
R.23	moistPerc	Il-perċentwali ta' umdità fil-kampjun oriġinali	xs:double		Il-perċentwali ta' umdità fil-kampjun oriġinali.
R.24	fatPerc	Il-perċentwali ta' xaħam fil-kampjun oriġinali	xs:double		Il-perċentwali ta' xaħam fil-kampjun oriġinali.

▼B

Il-kodiċi tal-Element	Isem l-Element	It-tabella tal-Element	It-tip ta' Dejta [1]	It-terminoloġija kkontrollata	Id-deskrizzjoni
R.25	exprRes	L-espressjoni tar-riżultat	xs:string (5)	EXRES	Il-kodiċi li jiddeskrivi kif ir-riżultat ġie espress: Il-piż sħiħ, il-piż tax-xaħam, il-piż niexef, eċċ…
R.27	resType	It-tip ta' riżultat	xs:string (3)	VALTYP	Indika t-tip ta' riżultat, jekk jistax ikun ikkwantifikat/iddeterminat jew le.
R.28	resLegalLimit	Il-limitu legali għar-riżultat	xs:double		Irrapporta l-limitu legali għall-analita fil-prodott fil-kampjun
R.29	resLegalLimit-Type	It-tip ta' limitu legali	xs:string (5)	LMTTYP	It-tip tal-limitu legali applikat għall-valutazzjoni tar-riżultat. ML, MRPL, MRL, limitu ta' azzjoni eċċ.
R.30	resEvaluation	Il-valutazzjoni tar-riżultat	xs:string (5)	RESEVAL	Indika jekk ir-riżultat jaqbiżx il-limitu legali.
R.31	actTakenCode	L-azzjoni meħuda	xs:string (5)	ACTION	Iddeskrivi kwalunkwe azzjonijiet ta' segwitu li ttieħdu b'riżultat ta' eċċess tal-limitu legali.
R.32	resComm	Il-kumment dwar ir-riżultat	xs:string (250)		Il-kummenti addizzjonali għar-riżultat analitiku.

[1] It-tip ta' dejta doppja tikkorrispondi għat-tip tal-punt mobbli 64-bit bi preċiżjoni doppja, il-punt deċimali jirrappreżenta numri deċimali bi preċiżjoni arbitrarja, it-tip ta' dejta bil-faxex jirrappreżenta faxex tal-karattri f'XML. It-tip ta' dejta xs: it-tipi ta' dejta doppji u dawk numeriċi li jippermettu separatur deċimali jirrikjedu li s-separatur deċimali jkun "." filwaqt li s-separatur deċimali "," mhuwiex permess.